MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 740/2006

**Av. Dottor David Tonna (numru tal-karta ta' l-identita' 659956 (M) bhala prokuratur specjali ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' estera Philip Morris Products Inc.**

**vs**

**L-Avukat Dottor Leslie Cuschieri u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lis-socjeta’ Nanaa Miloudi Nl-330308 979 Souk Najd Derb Ghallef Casablanca Morocco, nominati b’digriet tas-16 ta’ Novembru, 2006**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attur nomine fit-8 ta’ Awissu, 2006, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

Illi s-socjeta' rikorrenti Philip Morris Products Inc., ta' 3601 Commerce Road, 23234 Richmond, tal-Istati Uniti tal-Amerika hija proprjetarja tal-markju "MARLBORO CLASSICS", liema markju huwa wzat minn din is-socjeta' fuq diversi prodotti manifatturati minnha bhal abbiljamenti tal-hwejjeg, zraben sportivi, brieret u prodotti ohra skond kif jidher mid-Dokument "A" u d-Dokument "B";

Illi s-socjeta' rikorrenti hija detentrici tad-dritt ta' proprjeta' industrijali tal-istess markju "MARLBORO CLASSICS" fil-komplessita tieghu irregistrat f’Malta taht Trademark No. 30359, u Trademark No. 30567, fir-Registru tal-Markji, skond l-estratti originali mahruga mill-istess Registru tal-Markji (kif muri f’Dok "A" u f’Dok "B"), ai termini tal-Artiklu 2 tal-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini), KAP. 414 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi jirrizulta li fid-19 ta' Gunju 2006 iddahhlet gewwa Malta fuq il-vapur MV "CMA-CGM VERDI", u/jew giet importata temporanjament u/jew tqieghdet gewwa zona hielsa jew mahzen hieles, konsenja ta' abbiljamenti tal-hwejjeg li jgibu l-markju "MARLBORO CLASSICS" liema konsenja tikkonsisti f’erbgha mitt (400) bicca f’abbiljamenti tal-hwejjeg b' Container Numru IPXU3246507 u li ma humiex genwini, u dan bi ksur tal-projibizzjoni tal-Artiklu 4 tal-KAP. 414;

Illi mill-Polza ta' Kargu Numru GZ2139099 jirrizulta li l-konsenjatarji tal-konsenja in kwistjoni huma ndikati bhala Nanaa Miloudi NI:330308 979 Souk Najd Derb Ghallef Casablanca Morocco, mentri d-dettalji tax-Shipper huma ndikati bhala Tianjin Ameda International Trade Co., Ltd.;

Illi d-dhul gewwa Malta, importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' oggetti li jikkontravvjenu dritt dwar il-proprjeta' intellettwali huwa projbit skond l-Artiklu 4 ta' l-istess KAP. 414 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi dawn l-abbiljamenti tal-hwejjeg in kwistjoni jikkontravvjenu id-drittijiet ta' proprjeta' intellettwali tas-

socjeta' rikorrenti, skond l-Artiklu 2(1)(a) (i) u (iii), tal-KAP. 414, li favur taghha huwa rregistrat il-markju "MARLBORO CLASSICS", billi instab illi dawn l-istess abbiljamenti tal-hwejjeg huma prodotti ffalsifikati skond l-analizi li ghamlet is-socjeta' rikorrenti (ara rapport ta' analizi mmarkat bhala Dokument "C");

Illi din il-konsenja ta' abbiljamenti tal-hwejjeg bhalissa tinsab mizmuma mill-Kontrollur tad-Dwana fin-'New Port Bonded Stores', Marsa wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta' rikorrenti lill-istess Kontrollur wara li gew provduti lilu l-informazzjoni kollha pertinenti sabiex ikun jista' jiddeciedi dwar il-kaz (ara kopja tal-applikazzjoni mmarkata bhala Dok "E");

Illi l-Avukat Dr. David Tonna noe jiddikjara illi l-fatti suesposti jafhom in parti personalment u in parti minn informazzjoni li inghatatlu mill-Kontrollur tad-Dwana u mill-mandanti tieghu;

Talab lill-konvenuti nomine jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-abbiljamenti tal-hwejjeg in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta' rikorrenti lill-istess Kontrollur, huma ffalsifikati;
2. Tiddikjara u tiddeciedi illi tali abbiljamenti tal-hwejjeg iffalsifikati jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta' intellettwali tas-socjeta' rikorrenti skond l-Artikolu 2(1)(a)(i) u (iii) tal-KAP. 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)) u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-Artikolu 4 tal-istess KAP. 414 fil-konfront tat-Trademarks registrati bin-Numri 30359 u 30567 tal-Markju "MARLBORO CLASSICS";
3. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta, l-importazzjoni temporaneja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din il-konsenja abbiljamenti tal-hwejjeg iffalsifikati da parti tas-socjeta' intimata u li tikkonsisti f'erbgha mitt (400) bicca f'abbiljamenti tal-hwejjeg, tikkostitwixxi vjolazzjoni ta' l-Att dwar Drittijiet

Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini), KAP. 414 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Tordna lill-Kontrullur tad-Dwana a bazi tal-ewwel talba u/jew tat-tieni talba u/jew tat-tielet talba sabiex jiddistruggi l-abbiljamenti tal-hwejjeg in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjez tas-socjeta' intimata skond l-Artiklu 8 tal-KAP. 414;

5. Tordna kull rimedju iehor li tista' skond it-termini ta' l-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini), KAP. 414 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tas-socjeta' rikorrenti;

6. Tordna lis-socjeta' intimata sabiex thallas l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni tal-abbiljamenti tal-hwejjeg in kwistjoni, u tal-ispejjez tal-ufficjali tad-Dwana skond it-termini tal-KAP. 414;

Bl-ispejjez, kontra s-socjeta' intimata li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u il-lista ta' dokumentiipprezentati mill-attur nomine;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tas-16 ta' Novembru, 2006, li "in forza" tieghu inhatru l-Avukat Dottor Leslie Cuschieri u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer bhala kuraturi biex jirrapprezentaw lill-kumpannija konvenuta ghall-finijiet kollha tal-Ligi;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti kuraturi li *in forza* taghha eccepew :

1. Illi b'digriet tas-16 ta' Novembru 2006, huma gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-kumpanija Nanaa Miloudi NI: 330308 979 ta' Souk Najd Derb Ghallef, Casablanca, Marokk;

2. Illi f'okkazjoni precedenti li kitbu fl-indirizz hawn fuq indikat ma rcevew ebda risposta, u m'ghandhomx mezz iehor biex jikkomunikaw ma' xi hadd li ghandu xi interess f'din il-kumpanija, u ghalhekk mhumiex edotti mill-fatti tal-kaz odjern;

3. Illi ghalhekk huma jirrizervaw li jeccepixxu ulterjorment;

Rat il-lista tax-xhieda u il-lista ta’ dokumentiipprezentati mill-konvenuti nomine;

Rat l-atti kollha tal-kawza u id-dokumenti esebiti;

Rat in-nota tal-konvenuti nomine tal-10 ta’ Lulju 2007 u d-dokumenti annessi mal-istess nota;

Semghet lill-avukati difensuri tal-partijiet;

Rat illi l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat :

Irrizulta illi l-Avukat Dottor David Tonna huma l-mandatarju specjali f’Malta tas-socjeta’ estera Philip Morris Products Incorporated ghal dak li jirrigwarda il-marki u l-protezzjoni tal-marki ta’ din is-socjeta’ f’Malta.

Illi irrizlta illi li fid-19 ta' Gunju 2006 iddahhlet f’Malta fuq il-vapur MV "CMA-CGM VERDI" konsenja ta' abbiljamenti tal-hwejjeg li jgibu l-markju "MARLBORO CLASSICS" liema konsenja kienet tikkonsisti f’erbgha mitt (400) bicca f’abbiljamenti tal-hwejjeg f'Container Numru IPXU3246507 u li ma kienux genwini;

Illi l-attur nominee bhala rapprezentant tas-socjeta estera Philip Morris Products Incorporated gie infurmat b’dan kollu mill-Kontrollur tad-Dwana.

Illi s-socjeta’ estera Philip Morris Products Incorporated stiednet lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex izomm din il-konsenja ta' abbiljamenti tal-hwejjeg fin-'New Port Bonded Stores' il-Marsa;

Illi s-socjeta’ estera ezaminat ritratti digitali ta’ uhud mill-oggetti importati u ikkonfermat u iccertifikat illi l-oggetti in kwistjoni huma foloz, kif jirrizulta mid-Dokument C li jinsab esebit a fol. 10 u 11 ta’ dan il-process u kien ghalhekk illi l-atttur nomine ghamel il-kawza odjerna fiz-zmien opportun.

Illi kif jirrizulta mir-risposta guramentata tal-konvenuti nomine l-istess konvenuti nomine kitbu lill-kumpanija Nanaa Miloudi f'Souk Najd Derb Ghallef Casablanca il-Marokk, izda ma ircevew ebda risposta u ma ghandhomx mezz iehor kif jikkomunikaw ma xi hadd li ghandu xi interess f'din il-kumpannija.

Illi l-konvenuti nomine permezz ta' Nota illi ipprezentaw fl-10 ta' Lulju, 2007 iddikjaraw illi ma irnexxielhomx jikkomunikaw mas-socjeta Nanaa Miloudi, irrimmettew ruhhom ghall-provi prodotti mill-attur nomine u l-Qorti giet awtorizzata sabiex tghaddi ghas-sentenza.

Illi wara li l-Qorti qieset il-provi prodotti u l-fatti fuq imsemmija ma dak li tipprovdi l-ligi waslet ghas-segwenti konkluzjonijiet :

a. il-kumpannija estera attrici hija detentrici ta' dritt li ghalih japplika l-Att VIII tal-2000, u dan kif imfisser fl-artikolu 2 tieghu;

b. illi l-oggetti mnizzla l-art f'Malta ma kellhomx marka li saret bil-kunsens tal-kumpannija estera attrici u lanqas jidher li gew manufatturati bil-kunsens taghha, u dan ghall-finijiet tal-artikolu 3 tal-imsemmi Att;

c. li d-dhul tal-imsemmija oggetti huwa projbit, ladarba jikser il-jeddijiet tal-kumpannija attrici;

d. jidher li l-kumpannija attrici estera wettqet ukoll l-obbligi taghha dwar taghrif moghti lill-awtoritajiet kompetenti f'Malta ghall-finijiet tal-artikolu 5 tal-Att;

e. it-talba tal-kumpannija estera attrici biex il-konsenja ta' oggetti *in kwistjoni* tigi meqruda hija wahda mill-effetti li l-ligi tahseb ghalihom dwar id-dhul f'Malta ta' hwejjeg falsifikati li jiksru l-jeddijiet ta' proprjeta' intellettwali ta' xi persuna, kif imfissra fl-artikolu 2 tal-Att; u

f. il-falsita' tal-imsemmija konsenja ta' abbiljamenti tal-hwejjeg tinsab ippruvata fi grad tekniku bizzejjed, u ammissibbli fil-ligi, li l-Qorti ma thossx il-htiega li tahtar

espert biex jaghmel kostatazzjonijiet ohrajn, minghajr ma tkun qeghda b'hekk izzid l-ispejjez inutilment;

Illi ghalhekk il-Qorti ssib illi l-attur nomine wera tajjeb bizzejjed illi l-kumpannija estera attrici kellha ragun temmen illi l-abbiljamenti tal-hwejjeg illi ddahhlu f'Malta kif fuq inghad kienu jiksru l-jeddijiet intellettwali taghha kif imharsin minn qabel mill-awtoritajiet Maltin, u li l-helsien taghhom mill-Kontrollur tad-Dwana jkun ifisser telf finanzjarju kbir li ma jkunx hafif ghaliha li taghmel tajjeb ghalih jekk mhux biz-zamma ghal dejjem taghhom jew bil-qerda taghhom, ukoll jekk kien mahsub li l-ahhar destinazzjoni kienet sejra tkun f'pajjiz iehor barra minn Malta.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara u tiddeciedi illi l-abbiljamenti tal-hwejjeg in kwistjoni huma iffalsifikati, tilqa ukoll it-tieni talba attrici u tiddikjara u tiddeciedi illi  tali abbiljamenti tal-hwejjeg iffalsifikati jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta' intellettwali tas-socjeta' rikorrenti skond l-Artikolu 2(1)(a)(i) u (iii) tal-KAP. 414 u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-Artikolu 4 tal-istess KAP. 414, tilqa ukoll it-tielet talba attrici u tiddikjara u tiddeciedi li d-dhul gewwa Malta, l-importazzjoni temporaneja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din il-konsenja abbiljamenti tal-hwejjeg iffalsifikati da parti tas-socjeta' konvenuta u li tikkonsisti f'erbgha mitt (400) bicca f'abbiljamenti tal-hwejjeg, tikkostitwixxi vjolazzjoni ta' l-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini), KAP. 414 tal-Ligijiet ta' Malta, tilqa ukoll ir-raba talba attrici u tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex jiddistruggi l-abbiljamenti tal-hwejjeg in kwistjoni minghajr l-ebda kumpens lil u ghas-spejjez tas-socjeta intimata skond l-Artikolu 8 tal-Kap. 414 u tipprefiggi terminu ta' hmistax il-gurnata tax-xoghol mil-lum sabiex il-Kontrollur tad-Dwana jiddistruggi l-oggetti in kwistjoni.  Dwar il-hames talba attrici l-Qorti tara illi l-attur nomine ma ghamel l-ebda talba specifika f'dan ir-rigward u l-Qorti ma thossx opportun li timponi ebda rimedju iehor.  Tiddisponi mis-sitt talba attrici billi tordna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas l-ispejjez kolha fir-rigward tat-trasport, tal-

hazna, tad-distruzzjoni tal-abbiljamenti tal-hwejjeg in kwistjoni, u tal-ispejjez tal-ufficjali tad-Dwana skond it-termini tal-KAP. 414.

Bl-ispejjez, kontra s-socjeta’ konvenuta, b’dan li provizzorjament id-drittijiet tal-kuraturi ghadhom jithallsu mill-attur nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------